# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-22 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Numru 1810/15**

**Claudette Camilleri, armla ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri, bint Anthony Mallia u Georgina nee` Spiteri, imwielda l-Pieta` u residenti Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 504478 M**

**vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-eredi tad-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri u cioe` Christopher Camilleri iben il-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri u Lorita nee` Zammit, imwielda l-Pieta` u residenti l-Inghilterra u Sven Camilleri iben il-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri u Lorita nee` Zammit, imwielda l-Pieta` u residenti l-Inghilterra li ma jghixux gewwa l-Gzejjer Maltin**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 35), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur:

2.1. Akkoljiet provizorjament il-mandat in dizamina;

2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess rikors promotur lill-kontro-parti ghar-risposta tal-kuraturi Deputati;

2.3. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati, (ara foll 1 u 35);

3. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata l-4 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 77);

4. Rat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti;

6. Tirrileva li l-Kuraturi Deputati in dizamina naqqsu li jidhru fl-udjenza rizervata ghas-smiegh tal-veduti tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, u dan, minghajr m'inghatat raguni valida fil-ligi;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament elenkat is-segwenti pretensjonijiet:

7.1. Illi din il-procedura giet intavolata biex tikkawtela l-kreditu minnha vantat fil-konfront tal-intimati;

7.2. Illi ghalhekk qed titlob li l-istess intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu, anke gratuwitament, mill-proprjeta` deskritta fl-istess rikors guramentat promotur;

7.3. Illi d-*decuius* Carmelo *sive* Charles Camillleri kien legalment separat minn ma' martu Lorita Zammit b'kuntratt *in atti* tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana datat it-12 ta' Novembru, 2004, (ara foll 6);

7.4. Illi miz-zwieg ma' l-imsemmija Lorita Zammit id-*decuius* kellu zewgt (2) ulied, Sven u Christopher;

7.5. Illi fit-testment tieghu li kien irrediga tul iz-zwieg tieghu mal-imsemmjia Lorita, l-imsemmi Carmelo *sive* Charles halla bhala werrieta tieghu lill-imsemmija zewgt (2) uliedu;

7.6. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni in dizamina il-protagonisti tal-istess kienu qabblu li jirrinunzjaw ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin u dan, anke ghat-testmenti li saru qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni;

7.7. Illi pero`, id-*decuius* qatt ma hassar u rrevoka formalment it-testment *de quo*;

7.8. Illi r-rikorrenti u l-imsemmi *decuius* kienu ilhom f'relazzjoni stabbli ghal tlettax (13) il-sena, u zzewgu fit-28 t'April, 2014, (ara foll 13);

7.9. Illi l-imsemmi *decuius* miet fl-10 t'Ottubru, 2014, (ara foll 14);

7.10. Illi rizultat tal-fatt li d-*decuius* ma rrevokax it-testment fuq riferit, il-werrieta tieghu huma uliedu fuq gia` riferiti;

7.11. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti hi biss intitolata ghall-porzjon rizervat;

7.12. Illi mill-informazzjoni li ghandha r-rikorrenti id-*decuius* jirrizultala li kellu l-assi minnha indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2 u 16);

7.13. Illi l-intimati gia` poggew il-garaxx riferit fl-istess rikors guramentat promotur ghall-bejgh, u dan, minghajr m'ghadhom hallsu lir-rikorrenti s-sehem taghha mill-wirt lilha hekk dovut senjatament, il-porzjon riservat;

7.14. Illi l-intimati *de quo* ghandhom ihallsu lir-rikorrenti l-imsemmi porzjon riservat f'kontanti skont il-ligi;

7.15. Illi r-rikorrenti m'ghandiex l-informazzjoni kollha rigwardanti x'assi kellu d-*decuius* u allura, mhix f'posizzjoni li tkun taf bi precizjoni x'inhuma l-assi kollha tad-*decuius*;

7.16. Illi sa fejn taf ir-rikorrenti l-proprjeta` fuq riferita hi l-uniku li r-rikorrenti ghandha biex tissalvagwardja il-pretensjonijiet taghha fir-rigward;

7.17. Illi *di piu`*, l-intimati ma jirrisjedux Malta;

7.18. Illi *stante* li r-rikorrenti tivvanta dritt *prima facie* fir-rigward, titlob li r-rikors odjern jigi akkordat;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi min-naha taghhom il-Kuraturi Deputati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti ma tistax tissottometti t-talba taghha kif kontenuta fir-rikors promotur *stante* li m'ghandha l-ebda sehem mill-garaxx in dizamina;

8.2. Illi f'dan ir-rigward huma biss ulied id-*decuius* li ghandhom jirtuh;

8.3. Illi l-garaxx *de quo* ma jiffurmax parti mill-porzjon rizervat;

8.4. Illi ghalhekk ir-rikors promotur ghandu jigi respint;

Ikkunsidrat:

9. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li l-intimati *de quo* jinzammu milli b'xi mod, ikun li jkun, jaghmlu
xi haga li tista` tirreka hsara lid-drittijiet vantati mir-rikorrenti;

10.0. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti trid turi li l-mandat rikjest hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet minnha vantati;

10.2. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti ghandha l-istess drittijiet fil-livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi konstatat is-suespost, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti kienet mizzewga legittimament lid-*decuius* in dizamina;

11.2. Illi l-istess *decuius* kien involut fi zwieg precedenti fejn kien ikkonkluda testment li permezz tieghu jirrizulta li uliedu minn dan l-ewwel zwieg huma l-eredi universali tieghu;

11.3. Illi l-istess eredi bdew proceduri biex ibieghu l-assi lilhom divoluti, u dan, minghajr ma jittutelaw il-posizzjoni tar-rikorrenti;

11.4. Illi ghalhekk, d-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward jirrizultaw *prima facie* li qed jigu serjament mhedda;

Ikkunsidrat:

12. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wahda reali, possibbli u attwali;

13.0. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta' din il-qorti li r-rikorrenti pprovat it-talba taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

13.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti:

13.2. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat it-23 ta' Novembru, 2015, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

13.3. Illi in vista tal-artiklu 874 (3) tal-Kap 12 fuq gia` indikat tappunta lin-Nutar Dr. Rachel Busuttil biex fi zmien hemm kontemplat tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet biex l-istess mandat jigi registrat skont il-ligi fir-rigward tal-garaxx numru 1 kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur;

13.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**